*IEQAF u AĦSEB*



## *Dawl mill-Kurċifiss minn San Ġorġ Preca*

Min hu li jħares lejn il-Kurċifiss u ma jikkwietax f'mistrieħ perfett?

Dnubietek ibeżżgħuk?
Istħajjel li Kristu Kurċifiss jgħidlek:
"Ħares 'l hawn u kkwieta għax jiena għamilt il-ġid u ħallsuni b'deni."

Inti mweġġa' jew imnikket?
Istħajjel li Kristu Kurċifiss jgħidlek:
"Ħares 'l hawn u kkwieta għax jiena innoċenti f'baħar ta' wġiegħ u ta' niket."

Tinsab inti nieqes minn xi ħaġa?
Istħajjel li Kristu Kurċifiss jgħidlek:
"Ħares 'l hawn u kkwieta għax jiena msallab għarwien."

Inti int mżeblaħ?
Istħajjel li Kristu Kurċifiss jgħidlek:
"Ħares 'l hawn u kkwieta għax jiena, Alla, oġġett ta' tmaqdir, żufjett u daħk."

F'kelma waħda f'kull stat ta' tiegħek spiritwali
għandek issib dejjem faraġ x'tiġbed minn Kristu Kurċifiss
li jgħid li kull min iħares lejh li kollox jispiċċa mal-mewt: delizzji u biki.

Ara qatt taħseb li inti spiritwali jekk biex timita titfa' għajnejk band'oħra
ħlief fuq il-Kurċifiss – Kristu waħdu biss it-Triq, is-Sewwa u l-Ħajja
u ħadd ma jasal fis-saltna tal-paċi ta' dejjem ħlief permezz tiegħu biss.

Tfittex il-pariri li jgħaddu?
Kun af li mintix skular veru ta' Kristu,
li bata għalina u ħallielna l-eżempju li nimxu warajh,
li dnub ma għamilx.

Iddeċiedi, immela, li quddiem it-tbatija tgħid sinċerament:
*"O Salib, o is-sliem għalik!"*

*Disinn u Stampar: Veritas Press, Zabbar. Tel: 21 822 270*

**PARROĊĊA KONVERŻJONI TA' SAN PAWL**
**ĦAL SAFI**
**Tel: 21649223**



*Messaġġ tal-Kappillan*

# Minn Rasna sa Saqajna

Ir-Randan, iż-żmien li bħala Knisja ninsabu fih, għandu jfakkarna fi vjaġġ li bħala nsara jenħtieġ li nwettqu: mhux il-vjaġġ li niġru minn post għall-ieħor sew jekk bħala turisti u sew jekk fuq xogħol jew qadjiet. Kieku minn dawk naħseb li ħafna minna mhumiex nieqsa żgur! Le, imma l-vjaġġ li Alla qed joffri li jakkumpanjana u li jeħodna *minn rasna sa' saqajna*, vjaġġ li għalkemm bejn wieħed u ieħor jikkonsisti fi triq ta' anqas jew madwar 2 metri biss, hu ħafn' aktar twil, impenjattiv, u riskjuż. Fil-verità mhux erbgħin jum imma ħajjitna kollha kemm hi rridu biex inwettquh; imma ta' lanqas l-erbgħin jum tar-Randan ilaqqgħuna ma' mudell ċar fi skala mċekkna. Hekk kien iħobb jiddeskrivi r-Randan, Don Tonino Bello, Isqof Taljan mill-Puglia, magħruf ħafna għall-kliem u x-xhieda qawwija tal-ħajja nisranija li kien iwassal b'kull mezz possibbli.

***Minn Rasna ... – L-IRMIED TAL-INDIEMA***

Bdejna dan iż-żmien bit-tqegħid tal-irmied fuq rasna: sinjal qawwi, pjuttost aktar mill-kliem, tas-sejħa għall-Indiema. Fit-Testment l-Antik insibu diversi mumenti partikulari fejn persuni, bħal David, is-sultan u n-nies ta' Ninwè fi żmien Ġona, u s-sultana Ester, jagħmlu l-irmied fuq rashom bħala sinjal ta' umiltà quddiem Alla u penitenza għall-ħtijiet tagħhom. Aħna wkoll, imsejħin biex f'dan iż-żmien, b'mod speċjali, ma nagħmlux ta' rasna imma pjuttost inbaxxu rasna. Imma forsi ngħidu li wieħed ibaxxi rasu żgur li llum ma tagħmilx sens għax m'għadux żmien li wieħed juri sottomissjoni u jobdi. Imma fil-verità, dejjem huwa ż-żmien li wieħed iħalli lil Alla, Sid il-ħajja, jiggwidah. Is-sejħa għall-indiema li saritilna waqt li tqiegħed l-irmied fuq rasna: *"Trab kont u trab terġa' ssir"* jew *"Indem u emmen fl-Aħbar it-Tajba"* għandha l-iskop li turina li l-qawwa għall-għixien tiġina minn Alla, u li d-direzzjoni biex dan l-għixien ikun tajjeb u hieni jagħtihielna Hu. Minn rasna ejjew inħallu lil Alla jibdel l-intelliġenza tagħna fl-Għerf tiegħU, il-ħsibijiet tagħna fil-proġetti tiegħU, il-ħarsa tagħna fil-Viżjoni tiegħU, is-smiegħ tagħna fis-Sensibbiltà tiegħu, u l-kliem tagħna fl-Aħbar it-Tajba tiegħU. Ejjew inħalluh iġeddidna, u jikkonvertilna l-istil ta' ħajjitna għax aħna ħafna drabi nissakkru fil-ftit tajjeb li mingħalina nagħmlu; ejjew inħallu Lilu jiftaħna għal tant okkażjonijiet ta' tajjeb li kapaċi nagħmlu f'Ismu ma' tant nies li verament għandhom bżonn, u li ħafna drabi jkunu huma stess barka għalina minkejja l-limitazzjonijiet tagħhom.

***... sa' Saqajna – L-ILMA TAL-QADI***

U dan il-vjaġġ li rridu ngħixuh bis-sawm u t-talb, biċ-ċaħda li aħna jidhrilna li għandna nkunu moqdija u komdi l-ewwel u qabel kollox u kulħadd, kif ukoll bid-dipendenza tagħna fuq Alla li jsostnina u jeħlisna, jenħtieġ jgħaddi mill-idejn, mill-azzjonijiet

*ikompli f'paġna 2*

*ikompli minn paġna 1*

ta' ġenerożità, u jibqa' sejjer sa' saqajna, u mhux biss, u allura sal-karità bla limitu riflessa tant tajjeb fl-ilma li jiġi wżat f'Ħamis ix-Xirka u f'Sibt il-Għid. Hekk hu, dak l-Ilma tal-Qadi, li jgħinna nserrħu mill-weġgħat u nnaddfu minn kull ħmieġ tal-għixien lil tant persuni li niltaqgħu magħhom fit-triq tal-ħajja; dak l-Ilma tad-Dinjità li ħadd u xejn ma jeħodhielna, dak l-ilma li bih issir il-Magħmudija, fejn il-persuna tintwera li fi Kristu hi Wild Alla. Sa' Saqajna u mhux biss, ejjew inħallu lil Alla jmexxina biex infittxu u nsibu lil min hu mwaħħal u pparalizzat f'diffikultajiet, f'mard, f'vizzji, f'faqar, u f'tant u tant affarijiet li jdgħajfu, jisfruttaw, u jaljenaw, saħħet il-bniedem tant li jħalluh għal mejjet, waħdu, bħal donnu minsi u mhux milħuq.

***"... u Missierek, li jara dak li hu moħbi, iroddlok hu."***

Mhuwiex iż-żmien tal-ħabi jew tal-individwaliżmu; imma ż-żmien tar-Randan, bl-irmied u l-ilma, b'mod speċjali, nistgħu nqisuh bħala ż-żmien li fih wieħed jiġi mistieden biex jidħol sew fih nnifsu ħalli joħroġ minnu nnifsu u jsib lil Alla fl-oħrajn waqt li jmidd il-passi lejn id-dar tal-Missier. Iva, huwa ż-żmien tal-intimità, fejn wieħed ma jwebbisx qalbu, imma pjuttost fejn iħalli lil Alla jmisslu qalbu u jagħmilha tixbaħ lil ta' Ibnu. Huwa ż-żmien fejn kull nisrani huwa msejjaħ biex ikun Alla nnifsu l-protaginst f'ħajtu, ħalli eventwalment hu jkun l-istrument tal-paċi tiegħU. Nawgura li il-vjaġġ nagħmlu ħilitna biex nidħlu għalih!

**Dun David Farrugia**

---

# Id-Djarju tal-Parroċċa
# Marzu 2015

| | |
|---|---|
| Il-Ħadd 1 ta' Marzu | **It-Tieni Ħadd tar-Randan** |
| **Mit-Tnejn 2 ta' Marzu sal-Ġimgħa 6 ta' Marzu** | Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Eżerċizzi għall-Koppji Miżżewġin mill-Kappillan Dun David Farrugia |
| Il-Ġimgħa 6 ta' Marzu | **L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**<br>Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom<br>Fis-6:30pm - Quddiesa<br>Fis-7:00pm - Adorazzjoni |
| Il-Ħadd 8 ta' Marzu | **It-Tielet Ħadd tar-Randan** |
| **Mit-Tnejn 9 ta' Marzu sal-Ġimgħa 13 ta' Marzu** | Fis-6:30pm - Quddiesa li tinkludi l-Eżerċizzi għal Kulħadd minn Dun Louis Farrugia |
| Il-Ħadd 15 ta' Marzu | **Ir-Raba' Ħadd tar-Randan** |
| Il-Ġimgħa 20 ta' Marzu | Mis-7:00pm sat-8:00pm - Adorazzjoni tas-Salib - Talb stil Taizè |





| | |
|---|---|
| Il-Ħadd 22 ta' Marzu | **Il-Ħames Ħadd tar-Randan**<br>Bejgħ ta' Kejkijiet b'risq Puttinu Cares mill-Grupp Miżżewġin 2000 fuq iz-zuntier tal-knisja. |
| It-Tnejn 23 ta' Marzu | **L-Ewwel Qrara**<br>Fil-4:45pm - L-Ewwel Qrara fil-knisja parrokkjali. |
| L-Erbgħa 25 ta' Marzu | **Solennità tat-Tħabbira tal-Mulej - Il-Lunzjata** |
| Il-Ħamis 26 ta' Marzu | **Jum iddedikat għar-Rikonċiljazzjoni**<br>- Aħsbu għal Qrara tajba.<br>*Filgħodu - Qabel u matul il-ħin tal-quddies.*<br>*Filgħaxija - Mill-5:30pm 'il quddiem.*<br>Fis-5:45pm - Ċelebrazzjoni ta' Maħfra mmexxija minn tal-MUSEUM.<br>Fis-6:30pm - Quddiesa li matulha jibqa' għaddej il-qrar.<br>Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |
| Il-Ġimgħa 27 ta' Marzu | **Festa Devozzjonali tad-Duluri**:<br>*Filgħodu:-* Mis-7:30am sat-8:15am - Qrar<br>Fit-7:45am - Quddiesa<br>*Filgħaxija:-* Mill-4:30pm sat-8:00pm - Qrar<br>Fil-5:30pm - Quddiesa<br>Fis-6:30pm - Purċissjoni<br>Wara l-Purċissjoni - Quddiesa |
| Il-Ħadd 29 ta' Marzu | **Ħadd il-Palm - Jum iż-Żgħażagħ**<br>Fit-8:00am - Nitilqu mill-Knisja, u ninġabru fuq iz-zuntier ta' Santa Marija.<br>Fit-8:15am - Inbierku iż-żebbuġ u nagħtu bidu għall-Purċissjoni qasira lejn il-knisja parrokkjali.<br>Fit-8:30am - Inkomplu bil-quddiesa. |



***Daħal fil-Ħajja ta' dejjem***

Andrew Magri

Cake Sale
in aid of Puttinu Cares
21st - 22nd March 2015
Żurrieq - Safi - Qrendi - Mqabba
Contact - 99791020